MARSAXLOKK

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar l-Erbgha 9 ta' Settembru 2015 2015, fil-5:00 p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum it-2 ta' Settembru 2015
Nru 8

## Aġenda

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Komunikazzjoni mis-Sotto-Kumitat relazzjonijiet mal-Entitatjiet Kummercjali, Konsultazzjoni dwar Xatt is-Sajjieda
5. Korrispondenza
6. Tourist Information Office
7. Attivita' Milied 2015
8. Attivitajiet 2016
9. Ambaxxatur/Ambaxxatrici tal-VOT 16 ghal Marsaxlokk
10. Hatra ta' Adjudication board ghal Sejha ghall-offerti MXLC02/2015 (Services of an Accountant)
11. Hatra ta'Adjudication board ghal Sejha ghall-Offerti MXLC03/2015 (Cleaning and Maintenance of Public Conveniences)
12. Hatra ta' Adjudication board ghal Sejha ghall-Offerti MXLC05/2015 ( Tender for Street signs and Road Markings)
13 Skeda ta' hlasijiet
14 Hatra ta' interviewing board ghal sejha interna ghal vakanza ta' Assistent Ufficjal Principali
15. Lista' ta' works orders/purchase orders
16. Lista ta' petty cash
17. Affarijiet ohra
18. Aggornament

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 8,li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 9 ta' Settembru 2015, fil-5:00 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Vici-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana (S.C..)<br>Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 3

**Agenda ghal-laqgha :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Komunikazzjonijiet mis-Sotto-Kumitat relazzjonijiet mal-Entitajiet kummercjali, konsultazzjoni dwar Xatt is-Sajjieda
5. Korrispondenza
6. Tourist Information Office
7. Attivita' Milied 2015
8. Attivitajiet 2016
9. Ambaxxatur/Ambaxxatrici ghall-VOT 16 ghal Marsaxlokk
10. Hatra ta' Adjudication board ghal Sejha ghall-Offerti MXLC02/2015 (Services of an Accountant)
11. Hatra ta' Adjudication board ghal Sejha ghall-Offerti MXLC03/2015 (Cleaning and Maintenance of Public Conveniences)
12. Hatra ta' Adjudication board ghal sejha ghall-Offerti MXLC04/2015 ( Tender for Street Signs and Roadmarkings)
13. Skeda ta' hlasijiet
14. Hatra ta' interviewing board ghal sejha interna ghal hatra ta' Assistent Ufficjal Principali
15. Lista ta' works orders/purchase orders
16. Lista ta' petty cash
17. Affarijiet oħra
18. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**08/01** **Qari tal-Minuti**

08/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 7, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

08/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana issekondata mis-Sur Steven Grech,il-minuti gew approvati b'votazzjoni unanima

08/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**08/02** ***Arisings* mill-Minuti**

08/02/01 Is-Sur Steven Grech staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta 07/04/16 li kienet tikkoncera talbiet ghal danni fil-vetturi kawza ta' hofor fit-toroq u l-proposta tal-Kunsill Lokali sabiex jinhatar bord li jevalwa t-talbiet li jircievi l-Kunsill Lokali.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill lokali illi hekk kif deciz, kienet intbaghtet ittra lit-tliet individwi identifikati. Sal-gurnata tas-Seduta il-Kunsill Lokali kien ircieva risposta minghand membru wiehed mill-individwi identitifkati u kien ghadu qieghed jistenna risposta minghand il-bqija tal-membri

08/02/02 Is-Sur Daniel Zerafa talab lill-Kunsill Lokali jiddiskuti minuta 07/12/03 li kienet tikkoncerna *water culvert* li kien intalab biswit l-istabbiliment Harbour Lights li kien jinstab f'Xatt is-Sajjieda.
Kien hemm diskussjoni libera li matulha giet diskussa l-imsemmija materja. Finalment intlehaq qbil illi d-decizjoni mehuda fis-seduta precedenti kienet l-ahjar wahda fic-cirkostanzi u l-Kunsill Lokali ma kellux jaghmel il-*water culvert* hekk kif propost.

**08/03** **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

08/03/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti 6 ta' Lulju 2015, waqt laqgha tar-Regjun Xlokk gie ~~deciz~~ diskuss l-assenjar ta' haddiema tal-IPSL u ETC mal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli Lokali gew infurmati illi kienu ser jibdew jinghataw l-ghotja ta' €1000 perjodikament liema fondi kienu ser ikunu disponibbli peress li kienet ittiehdet il-mizura illi jitwaqqaf l-impjieg tal-ufficjal awtorizzat mar-Regjun Xlokk.

08/03/02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi matul ix-xhur ta' Awissu u Settembru 2015, kien attenda numru ta' laqghat b'konnessjoni mal-progett ta' Tourist Information Hub li kien qieghed jigi implimentat fi Triq Xatt is-Sajjieda. Is-Sindku zied jghid illi x-xogholijiet kienu ghaddejjin b'ritmu mghaggel u kien qieghed jigi ppjanat illi jkunu ffinalizzati sa tmiem Settembru 2015 biex imbaghad fil-bidu ta' Ottubru 2015 isir il-ftuh ufficjali.

08/03/03 Is-Sindku informa lill-kunsilliera prezenti illi nhar l-1 ta' Settembru 2015 kien zamm laqgha ma' rapprezentanti tal-kumpanija Smart Light Systems Co. Ltd. Is-Sindku zied jghid illi l-imsemmija kumpanija kienet toffri servizzi ta' pedestrian crossings u tabelli tat-traffiku jixghelu. L-istess kumpanija kienet iddiskutiet mas-Sindku l-problema tad-dawl li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda.

08/03/04 Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-1 ta' Settembru kellu laqgha mal-kuntratturi tal-gbir ta' skart domestiku li matulha gew diskussi problemi

relatati mas-servizz tal-gbir ta' skart. Intlehaq qbil ukoll illi V&A Services kellha tinstalla sistema ta' VHF radios sabiex il-Kunsill Lokali ikollu kuntatt dirett mal-kolletturi tal-iskart.

08/03/05 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar it-3 ta' Settembru 2015 kien iltaqa' ma' rapprezentanti tal-bejjiegha tal-monti u konsulenti tal-Gvern Centrali rigward is-suq fil-berah li kien jopera minn Marsaxlokk nhar ta' Hadd.

08/03/06 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar id-9 ta' Settembru 2015, kien inhareg dokument bi proposti dwar imwejjed u siggijiet fi spazji pubblici. Is-Sur gauci zied jghid illi kien ser ikun qieghed jghaddi kopja tad-dokument lill-Kunsilliera sabiex jevalwawh u jressqu l-proposti taghhom fis-seduta segwenti.

08/03/07 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar id-9 ta' Settembru 2015, kiengie mitlub jiltaqa' ma rapprezentanti tas-segretarjat ghall-Gvern Lokali flimkien ma' rapprezentanti minn WasteServ Malta Ltd. bil-ghan illi tigi evalwata l-possibilita' illi Marsaxlokk jissieheb fi progett pilota ta' gbir ta' skart organiku darbtejn fil-gimgha. Is-Sindku spjega kif kien qieghed jigi propost illi l-iskart organiku jingabar kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha. ħ
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali jattendi ghal-laqgha mitluba u jiehu decizjoni wara li jinghata aktar informazzjoni dwar il-materja.

08/03/08 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien ircieva e-mail minghand is-Sur Joe Attard li permezz tieghu il-Kunsill Lokali gie mghoddi l-istatistika relatata mal-gbir ta' hgieg mil-lokalita'. Is-Sur Gauci zied jghid illi Green MT kienet ghaddiet lill-Kunsill Lokali skeda ta' kif kien ser jibda' jsir il-gbir ta' hgieg mil-lokalita'.

08/03/09 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-17 ta' Ottubru 2015, kienet ser tigi organizzata sessjoni plenarja ghall-Kunsilliera, Vici-Sindki u Sindki mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Gauci zied jghid illi dettalji dwar is-sessjoni kienu ser jigu mghoddija aktar tard.

**08/04** **<u>Komunikazzjonijiet mis-Sotto-Kumitat relazzjonijiet mal-Entitajiet kummercjali, konsultazzjoni dwar Xatt is-Sajjieda</u>**

08/04/01 Is-Sur Steven Grech qal illi kienet l-intenzjoni tas-Sotto-Kumitat tieghu illi jibda' jipprepara l-bazi sabiex tkun tista' ssir rijorganizzazzjoni adegwata tas-Suq fil-berah li kien jopera nhar ta' Hadd mil-lokalita'. Is-Sur Grech zied jghid illi l-hsieb kien illi tigi mkejla z-zona li minnha jopera s-Suq fil-berah flimkien mal-posti tal-bejjiegha rispettivi sabiex isiru l-ezercizzji mehtiega halli kull bejjiegh ikollu posta bid-daqs stabbilit bil-ligi. Kien hemm qbil unanimu illi s-Sur Grech permezz tas-sotto-kumitat tieghu jaghmel ix-xoghol imsemmi.

08/04/02 Is-Sur Steven Grech ta' rendikont ta' zviluppi li kien hemm rigward is-suq fil-berah ta' nhar ta' hadd b'konnesjoni ma' progett ta' rigenerazzjoni ta' Marsaxlokk

**08/05** **<u>Korrispondenza</u>**

08/05/01 E-mail datat 24 t'Awissu 2015 li permezz tieghu is-Sindku talab lill-Kunsilliera jevalwaw proposta li tintbaghat e-mail u jinzammu laqghat sabiex tigi ratifikata s-sitwazzjoni ta' umbrelel, imwejjed u siggijiet f'Xatt is-Sajjieda.

Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellha tintbaghat korrispondenza li permezz taghha jintalbu permessi ezistenti ghal encroachments flimkien ma' laqgha mal-awtoritajiet kkoncernati.

08/05/02 Permezz ta' e-mail datat 28 t'Awissu 2015, il-Kunsill Lokali gie infurmat mir-Rural Festivities unit illi t-talba tal-Kunsill Lokali sabiex matul l-2015 l-istess dipartiment jorganizza '*fish fest*' gewwa l-lokalita' hekk kif kien sar fis-snin precedenti ma kenitx giet milqugha.

08/05/03 Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Settembru 2015, il-FondazzjoniU talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi tinghata permess sabiex tokkupa spazju fis-suq fil-ċberah li kien jopera mil-lokalita' nhar il-Hadd 6 ta' Settembru 2015.
Wara li giet evalwata t-talba msemmija, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

08/05/04 Permezz ta' notifiki datati 26 t 'Awissu u 2 ta' Settembru 2015 l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat illi kienet irceviet applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/03081/15 u PA/03154/15.
Wara li gew evalwati l-imsemmija applikazzjonijiet, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokal ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

08/05/05 Ittra datata 30 t'Awissu 2015 li permezz taghha l-Ghaqda Muzikali Pompei irringrazzjat lill-Kunsill Lokali ghall-kollaborazzjoni li kienet sabet fl-okkazjoni tal-festa tar-rahal.

08/05/06 E-Mail datat 21 t'Awissu 2015 li permezz tieghu is-Sur Robert Camilleri talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibita' illi jitwahhlu barriers quddiem residenzi fi Triq il-Kajjik sabiex karozzi ma jkunux jistghu jipparkjaw fuq il-bankina.
Wara li giet evalwata t-talba tas-Sur Camilleri, kien hemm qbil unanimu illi kellhom isiru xi tip ta' barriers sabiex il-vetturi ma jkunux jistghu jipparkjaw fuq il-bankina msemmija.

08/05/07 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Settembru 2015, is-Sur Antoine Muscat f'isem il-Kumpanija 4Sight li permezz taghha il-Kunsill Lokali inghata stima ghal xogholijiet ta' tabelli, liema tabelli kienu qieghdin jigu stmati li jiswew €80 il-wahda
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jordna t-tabelli minghand il-kumpanija 4Sight ghall-prezz ikkwotat.

08/05/08 Permezz ta' e-mail datat 19 t'Awissu is-Sur Joseph Abela mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali illi permezz tal-progett ESF4.243 "Insahhu l-kompetenzi ghal servizz pubbliku efficjenti permezz tal-uzu tas-servizzi elettronici tal-Gvern", kie ser ikun hemm sponsorship ta' 11 il-laptop ghal dawk il-Kunsilli Lokali li jaghzlu li joffru l-assistenza taghhom lill-pubbliku meta mitlub.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara li kien ikkonsulta mas-Sindku dwar il-materja, kien gie deciz illi l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jaghmel talba sabiex jippartecipa fl-inizjativa.

08/05/09 Permezz ta' ittra datata 27 t'Awissu 2015, il-kunsill Lokali talab lis-Sur Joe Attard f'isem il-fondazzjoni GALXLOKK sabiex jinghata estensjoni ta' xahar ghall-progett ta' Tourist Information Hub li kien qieghed jigi implimentat fil-lokalita'.

08/05/10 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Awissu 2015, l-Onor Leo Brincat wiegeb e-mail li kienet intbaghtet mis-Sindku rigward abbuzi u problemi relatat mal-ballut, sit ikklassifikat bhala zona Natura 2000. Fl-email tieghu, l-Onor. Brincat, filwaqt li ccara l-pozizzjoni tal-Ministeru tieghu, informa lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Michael Falzon bl-abbuzi li kien gibed l-attenzjoni dwarhom is-Sindku.

08/05/11 Permezz ta' e-mail datat 21 t'Awissu 2015, is-Sa. Lucienne Cassar mid-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura talbet lill-Kunsill Lokali u lill-korp tal-Pulizija jintervjenu sabiex tissolva problema ta' access ghas-sajjieda f'landing facility site li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda. Is-Sa. Cassar sahqet illi s-sajjieda kien qieghed ikollhom problema sabiex jaccessaw in-kwistjoni l-hadd kawza tal-operat tas-suq fil-berah li kien jopera fiz-zona.

Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha intlehaq qbil illi s-Sa Cassar kellha tigi infurmata illi z-zona in-kwistjoni kienet tifforma parti mis-Suq fil-berah hekk kif stabbilit bil-ligi u ghaldaqstant ma kienx possibbli ghall-istess Kunsill Lokali li jiddeciedi li jnehhi parti mis-Suq fil-berah. Dan peress illi l-istess z-zoni tas-swieq fil-berah kienu jigu decizi mill-ministru repsonsabbli permezz ta' avviz fil-gazzetta tal-Gvern. Barra minn dan, l-imsemmija facilita' kienet giet mibnija matul l-ahhar sena, wara li s-suq fil-berah kien ilu jopera ghal ghexieren ta' snin. Problema ohra li identifika l-Kunsill Lokali kienet illi ma kienx hemm post alternativ ghall-bejjiegha kemm il-darba jitnehhew miz-zona msemmija.

**08/06** **<u>Tourist Information Office</u>**

08/06/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi x-xogholijiet fuq it-Tourist Information Hub kienu mexjin hekk kif ippjanat u kien mistenni illi l-istess ufficcju jibda' joffri s-servizzi tieghu f'qasir zmien. Is-Sur Hall zied jghid illi kien mistenni illi x-xogholijiet kollha jkunu kompluti sa tmiem Settembru 2015 wara li kienet intalbet estensjoni sa tmiem Settembru 2015. Huwa informa lill-Kunsilliera prezenti illi fil-frattemp, flimkien mas-Sindku kien qieghed ikollu laqghat regolari mal-Fondazzjoni GALXLOKK, il-Ministeru ghat-Turizmu u l-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu bil-ghan illi jigu ffinalizzati dettalji logistici tal-progett. Is-Sindku qal illi kien qieghed jigi ppjanat illi t-Tourist Information Hub jigi miftuh ufficjalment fil-bidu ta' Ottubru 2015

**08/07** **<u>Attivita' Milied 2015</u>**

08/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien niehda skema annwali li permezz taghha l-Kunsilli Lokali setghu japplikaw sabiex jiksbu fondi halli jtellghu attivitajiet matul ix-xahar ta' Dicembru. Is-Sur Hall qal illi kemm il-darba l-Kunsill Lokali kien interessat jikseb fondi sabiex tittella' attivita' f'Dicembru 2015 kien jinhtieg illi tigi mfassla attivita'. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi numru ta' kunsilliera, flimkien ma' rapprezentanti ta' ghaqdiet mhux governativi fil-lokalita' kellhom jiltaqghu u jfasslu attivita' sabiex tkun tista' tigi sottomessa applikazzjoni bil-ghan illi jinkisbu fondi permezz tal-iskema msemmija

**08/08** **<u>Attivitajiet 2016</u>**

08/08/01 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi b'referenza ghall-iskema msemmija precedentement, il-kunsilli lokali kienu qieghdin jinghataw il-possbilita' illi japplikaw sabiex jiksbu fondi halli jkunu jistghu itellghu attivitajiet matul l-2016. Ghalkemm l-

applikazzjonijiet kienu ghadhom ma fethux, is-Sur Hall heggeg lill-Kunsill Lokali sabiex kemm il-darba ikun hemm l-interess tibda' tigi mfassla attivita' bil-ghan illi jkun hemm il-materjal lest. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jibda' jippjana l-attivitajiet li kienu ser jittellghu matul l-2016.

**08/09** **Ambaxxatur/Ambaxxatrici ghall-Vot 16 ghal Marsaxlokk**

08/09/01 Is-Sur Duncan Hall informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sur Marlon Grech, Ambaxxatur ta' Marsaxlokk ghall-Vot 16 kien qabez l-eta' permessibbli u ghaldaqstant ma setax jibqa' jokkupa l-imsemmi rwol. Huwa zied jghid illi ghaldaqstant il-Kunsill Lokali kien qieghed jigi mheggeg jahtar ambaxxatur/Ambaxxatrici gdid/a ghall-Vot 16 ghal Marsaxlokk

08/09/02 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha ghal espressjoni ta' interess fost iz-zghazagh Xlukkajri.

**08/10** **Hatra ta' Adjudication Board ghal Sejha ghal kwotazzjonijiet Numru MXLC02/2015 (Services of an Accountant)**

08/10/01 Is-Sur Duncan Hall informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jinhatar bord ta' aggudikar ghal sejha ghal kwotazzjonijiet numru MXLC02/2015 li kienet mistennija li tigi ppublikata fi zmien qasir.

08/10/02 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-bord imsemmi kellu jkun iffurmat mis-Segretarju Ezekuttiv, is-sur Angelo Baldacchino, is-Sur Daniel Zerafa, is-Sur Horace Gauci u s-Sa. Janice Chetcuti.

**08/11** **Hatra ta' Adjudication Board ghal Sejha ghall-offerti Numru MXLC03/2015 (Cleaning and Maintenance of Public Conveniences)**

08/11/01 Is-Sur Duncan Hall informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jinhatar bord ta' aggudikar ghal sejha ghall-offerti numru MXLC03/2015 li kienet mistennija li tigi ppublikata fi zmien qasir.

08/11/02 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-bord imsemmi kellu jkun iffurmat mis-Segretarju Ezekuttiv, is-sur Angelo Baldacchino, is-Sur Steven Grech, u s-Sur Stephen Caruana u s-Sur Daniel Zerafa.

**08/12** **Hatra ta' Adjudication Board ghal Sejha ghall-offerti Numru MXLC05/2015 (Tender for Street Signs and Road Markings)**

08/12/01 Is-Sur Duncan Hall informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jinhatar bord ta' aggudikar ghal sejha ghall-offerti numru MXLC05/2015.

08/12/02 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-bord imsemmi kellu jkun iffurmat mis-Segretarju Ezekuttiv, is-sur Steven Grech, is-Sur Horace Gauci, u s-Daniel Zerafa u l-Perit Edric Micallef.

**08/13** **Skeda ta' hlasijiet**

08/13/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 10/2015) ghall-approvazzjoni.

08/13/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Horace Gauci, issekondat mis-Sur Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**08/14** **Hatra ta' Interviewing Board ghal sejha interna ghal vakanza ta' Assistent Ufficjal Principali.**

08/14/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet ittiehdet id-decizjoni li tinhareg sejha interna sabiex jigi appuntat Assistent Ufficjal Principali minn fost l-amministrazzjoni ezistenti kienet ser tintbaghat talba lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-materja. Fil-frattemp, il-Kunsill Lokali kellu jahtar bord sabiex kemm il-darba l-permessi mehtiega jinhargu qabel is-seduta segwenti, jkunu jistghu isiru l-intervisti.

08/14/02 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-imsemmi bord kellu jkun kompost mis-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsilliera kollha.

**08/15** **Lista ta' Works/Purchase Orders**

08/15/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Awissu 2015

08/15/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Daniel Zerafa, issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**08/16** **Lista ta' Petty Cash**

08/16/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi minhabba hsara li kienet zviluppat fil-kompjuter li kien jintuza sabiex jigi rrekordjat il-petty cash ma kienx possibbli illi tigi pprezentata lista' ta' petty cash li kien inhareg matul Awissu 2015. L-imsemmija lista kellha tigi pprezentata fis-seduta segwenti.

**08/17** **Affarijiet ohra**

08/17/01 *Policy dwar filming*
Is-Sur Daniel Zerafa informa lill-Kunsill Lokali illi fl-opinjoni tieghu, il-kunsill Lokali kellu johloq *policy* dwar permessi li jinhargu ghal *filmings* fil-konfini ta' Marsaxlokk.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-permessi li jinhargu kellhom jigu evalwati fuq bazi individwali

08/17/02 *Arblu fi Triq Xatt is-Sajjieda*
Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjoni tieghu, kellha tinholoq rutina dwar bandar li jittellghu ma' arblu li kellu l-Kunsill Lokai fi Triq Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Zerafa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jkollu bandiera mtella' mal-arblu tal-Kunsill Lokali b'mod regolari.
Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja, intlehaq qbil unanimu illi meta tahbat festa pubblika, il-Kunsill Lokali kellu jtella' bandiera ta' Malta mal-arblu msemmi.

08/17/03 *Ittra lid-Dipartiment tas-Sajd*

Is-Sur Daniel Zerafa talab lill-Kunsill Lokali eventwali zviluppi fil-kwistjoni ta' hsarat fil-parati fl-iskalien ta' Triq Xatt is-Sajjieda.

Minhabba li ma kien hemm ebda zviluppi fir-rigward, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat e-mail lis-Sa. Andreina Fenech Farrugia dwar il-materja u tintalab laqgha

08/17/04 *Litter bins*

Is-Sur Daniel Zerafa staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx possibbli isiru litter bins biswit bus stops fil-lokalita. Wara diskussjoni libera, gie deciz illi kellhom isiru bins simili ghal dawk li kienu saru fiz-zona tal-maghluq

08/17/05 *Triq il-Power Station*

Is-Sur Daniel Zerafa talab lill-Kunsill lokali jekk setax jinqata' haxix hazin u jinzabru sigar li kien hemm fi Triq il-Power Station.

Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellha tigi evalwata l-possibilita' illi jsir l-imsemmi xoghol permezz ta' haddiema li l-Kunsill Lokali kellu assenjati mieghu. Dan minkejja li t-triq in-kwistjoni ma kenitx responsabilita' tal-Kunsill Lokali peress li kienet triq arterjali.

08/17/06 *Arblu fi Triq il-Wilga*

Is-Sur Daniel Zerafa staqsa lill-Kunsill Lokali jekk setax jitnehha arblu li kien hemm fi Triq il-Wilga.

Wara diskussjoni qasira dwar il-materja, gie stabbilit illi l-imsemmi arblu kien jigi uzat mis-Sajjieda sabiex itellghu l-opri tal-bahar taghhom fuq l-art.

08/17/07 *Ghawm taz-zwiemel fi slipway biswit l-istabbiliment ELLA's*

Is-Sur Daniel Zerafa informa lill-Kunsill Lokali illi kellu informazzjoni illi kien qieghed isir ghawm taz-zwiemel fi slipway biswit l-istabbiliment ELLA'S fi Triq it-Truncieri.

Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-ghawm taz-zwiemel fiz-zona ma kien jikser ebda regolament u ghaldaqstant kien legalment permessibbli.

08/17/08 *Trinka biswit l-istabbiliment Harbour Lights*

Is-Sur Daniel Zerafa talab lill-Kunsill Lokali jerga' jevalwa l-possbilita' li ssir trinka biswit l-istabbiliment Harbour Lights. Dan wara li sid l-istabbiliment imsemmi kien ilmenta mieghu illi kien qieghed ikollu problema ta' gharghar kull meta taghmel ix-xita.

Kien hemm qbil illi sid l-istabbiliment Harbour Lights kellu jintalab jigbor stima tax-xogholijiet sabiex jigi evalwat il-kaz

08/17/09 *Dredging f'Xatt is-Sajjieda*

Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk il-bahar fiz-zona ta' Triq Xatt is-sajjieda kienx jithammel regolarment.

Is-Sa. Janice Chetcuti giet infurmata illi kemm il-darba ma jkunx hemm problemi ghall-opri tal-bahar transport Malta ma kenitx taghmel dredging

08/17/10 *Drinking Fountains ghall-annimali*

Is-Sa. Janice Chetcuti talbet lill-Kunsill Lokai jevalwa l-possibilita' illi terga' ssir rinking fountain ghall-annimali biswit l-ghassa tal-pulizija.

Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu hsieb jaghmel hawt permezz tal-haddiema li l-Kunsill lokali kellu assenjati mieghu.

08/17/11 *Ir-riserva tal-Ballut*

Is-Sa. Janice Chetcuti infurmat lill-kunsill Lokali illi kient ipprivat taghmel laqgha mal-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar. Madanakollu kienet ghadha ma inghatatx data.

08/17/12 *Stop Sign fi Triq Cicerun*

Is-Sa. Janice Chetcuti talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jsir stop sign fi Triq Cicerun.
Kien hemm qbil unanimu illi galadarba jaslu tabelli li l-Kunsill Lokali kellu ordnati titwahhal stop sign fi Triq Cicerun hekk kif propost.

08/17/13 *L-Ghar l-Ahmar*

Is-Sa. Janice Chetcuti qalet illi kienet irceviet ilmenti illi kien hemm leakage fil-bajja tal-Ghar l-Ahmar u kien hemm nuqqas billi ma kienx sar avviz ghall-ghawwiema mill-awtoritajiet responsabbli.
Is-Sa. Chetcuti giet infurmata illi l-avviz ma kienx sar peress illi l-ilma li kien hareg kien nadif u ghaldaqstant ma kienx ta' periklu ghal sahhet l-ghawwiema

08/17/14 *Parkegg ta' coaches fi Triq Xatt is-Sajjieda.*

Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi tittiehed azzjoni sabiex ma jsirx parkegg ta' Coaches fiz-zona tal-maghluq u fi Triq Xatt is-Sajjieda.
Is-Sa. Chetcuti giet infurmata illi l-materja kienet qieghda tigi diskussa ma' Transport Malta.

08/17/15 *Bankina quddiem l-istabbiliment Gem's u fi Triq l-Arznell*

Is-Sa. Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istat tal-bankina f'partijiet minn Triq l-Arznell ma kienx fi stat tajjeb u kellha bzonn manutenzjoni.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu b'mod temporanju jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fuq partijiet mill-bankina li ma kienux fi stat tajjeb.

08/17/16 *Sala tal-Kunsill Lokali fl-ufficcju amminstrattiv.*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi flimkien mas-Sindku kien iddiskuta l-possibilita' illi jinbena l-parapett tal-Kunsill Lokali sabiex tkun tista' ssir estensjoni tas-sala tal-Kunsill Lokali.
Wara diskussjoni libera, filwaqt li kien hemm qbil unanimu mal-proposta, gie deciz illi kellu jitqabbad perit sabiex jaghmel stima tax-xogholijiet mehtiega.

08/17/17 *Stage fi Triq Xatt is-Sajjieda*

Is-Sur Horace Gauci qal illi fl-opinjoni tieghu kellha tigi implimentata decizjoni li kien ha l-Kunsill Lokali li jiccaqlaq bus stop li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda biswit l-ghajn tal-hasselin.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi s-Sindku kellu jiccekkja l-operat tas-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd u z-zoni li jokkupa sabiex tkun tista' tigi evalwata ahjar il-materja.

08/17/18 *Fanali fi Triq Xatt is-Sajjieda*

Is-Sur Horace Gauci staqsa lill-Kunsill Lokali jevlawa l-possiblita' illi jigi inkorporat xoghol li kien jinhtieg li jsir sabiex fanali li ma kellhomx kurrent fi Triq Xatt is-Sajjieda isiru waqt li jkun qieghed isir cint li kien gie propost ghall-istess zona.

Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi s-Sur Steven Grech kellu jaghmel kuntatt mal-Perit Joseph Zerafa Boffa bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jinghata pjanta tac-cirkwit ezistenti. Gie deciz ukoll illi kellha tingabar stima ghal zewg fanali godda bil-ghan illi tigi ratifikata problema ta' dawl baxx li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda.

08/17/19 *Stickers ghas-Sajjieda*

Is-Sur Horace Gauci qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jibda' jaghti lis-sajjieda stickers sabiex ikunu jistghu jigu jipparkjaw f'zoni riservati ghas-sajjieda.

Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta l-proposta tas-Sur Gauci u juza l-abbozz ezistenti fil-bye-law li tirregola l-karrijiet u oggetti ohra ta' ingombru. Kellu jsir kuntatt mal-koperativi tas-sajjieda sabiex tigi kkordinata l-materja

**08/18** **Aġġornament**

08/18/01 Is-Seduta spiccatfid-9:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nharl-Erbgha 8 ta' Ottubru 2015 fil-5:00p.m.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 4/10/15

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 17/8/2015 sa 8/9/2015**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Halo Services | €354.00 | €354.00 | D | PF | payment for eveluation of tender doc. MXLC01/2015 Tourist Hub | 24/04/15 | 2015-284 | 1482 | 1907 | |
| 2 | Cobra Installations | €13,230.98 | €13,230.98 | T | PP | works as per contract no MXLC01/15 Tourist Hub (part payment) | 30/07/15 | A15-145 | n/a | n/a | |
| 3 | Cobra Installations | €7,612.00 | €7,612.00 | T | PP | works as per contract no MXLC01/15 Tourist Hub (part payment 2) | 20/08/15 | A15-150 | n/a | n/a | |
| 4 | Cobra Installations | €18,389.00 | €18,389.00 | T | PP | works as per contract no MXLC01/15 Tourist Hub (part payment 3) | 14/08/15 | A15-146 | n/a | n/a | |
| 5 | Payroll | €5,435.97 | €5,435.97 | D | PF | payrol & mayor's honorarium for August 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | |
| 6 | V&A Services | €4,705.16 | €4,705.16 | T | PF | door to door refuse collection for Aug 15 | 31/08/15 | 31/08/2015 | n/a | n/a | |
| 7 | A-Sound | €250.00 | €250.00 | D | PF | hiring of basic PA System - Festa 2015 | 08/08/15 | 2089 | 1686 | 11/10/05 | |
| 8 | James Alosio | €542.93 | €542.93 | D | PF | works at administrative offices (access controls) | 10/08/15 | 54-15 | 1643 | 2068 | |
| 9 | James Alosio | €617.42 | €617.42 | D | PF | works at administrative offices (access controls) | 10/08/15 | 53-15 | 1616 | 2041 | |
| 10 | Carmen Scicluna | €302.22 | €302.22 | D | PF | library hours for june 15 | 22/07/15 | 22072015 | n/a | n/a | |
| 11 | Carmen Scicluna | €328.50 | €328.50 | D | PF | library hours for july 15 | 22/07/15 | 22072015 | n/a | n/a | |
| 12 | Cortis Timber | €40.00 | €40.00 | D | PF | purchase of wood | 27/08/15 | 99072 | 1665 | 2090 | |
| 13 | Mediterranean Music Ltd | €500.00 | €500.00 | D | PF | purchase of muscial instrumets (Jum Marsaxlokk15) | 23/07/15 | 5081 | 1563 | 1988 | |
| 14 | Jason Gauci | €196.50 | €196.50 | D | PF | newspapers for Oct 15 | 01/09/15 | inv8/2015 | 1726 | 2151 | |
| 15 | Duncan Hall | €73.28 | €73.28 | D | PF | reimbursement for use of personal transport | 09/09/15 | req07/2015/dh | n/a | n/a | |
| 16 | John Borg | €350.00 | €350.00 | D | PF | weeding in various roads | 04/09/15 | inv6/15 | | | |
| 17 | Cleavon Fenech | €350.00 | €350.00 | D | PF | weeding in various roads | 04/09/15 | inv5/15 | | | |
| 18 | | | | D | PF | | | | | | |
| 19 | | | | D | PF | | | | | | |
| 20 | | | | D | PF | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€53,277.96** | **€53,277.96** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€53,277.96** | **€53,277.96** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 8**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

## Purchase Orders and Purchase Request for August 2015

| P/O Number | P/R Number | Date | Supplier | Material Procured | Reason | Amount | P/O Book |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2107 | 1682 | 03/08/2015 | Jason Gauci | Newspapers and Supplies (July 2015) | Office | € 213.50 | 43 |
| 2108 | 1683 | 04/08/2015 | JJ Ironmongery | Ironmongery | General Use | € 70.78 | 43 |
| 2109 | 1684 | 05/08/2015 | Nazzareno Camilleri | skip near public convenience seaside | stagun lampuki | € 82.60 | 43 |
| 2110 | 1685 | 05/08/2015 | FGP Ltd | galvanised sheets | bank garaxx | € 240.00 | 43 |
| 2111 | 1686 | 05/08/2015 | A Sound | pa sound system for concert | festa 2015 | € 250.00 | 43 |
| 2112 | 1687 | 05/08/2015 | JJ Ironmongery | various fittings for Drip System | bandli mghaluq | € 51.79 | 43 |
| 2113 | 1688 | 06/08/2015 | Nazzareno Camilleri | 2 large skip hire | stagun lampuki | € 165.20 | 43 |
| 2114 | 1689 | 06/08/2015 | Joseph Borg | Cleaning promenade and 2 oth areas | festa 2015 | € 800.00 | 43 |
| 2115 | 1690 | 07/08/2015 | JJ Ironmongery | Zebgha Griza u Zinc | Garage | € 14.74 | 43 |
| 2116 | 1691 | 07/08/2015 | JJ Ironmongery | katnazz etc for Drip System | bandli mghaluq | € 23.88 | 43 |
| 2117 | 1692 | 07/08/2015 | Nazzareno Camilleri | 1 large Skip Hire | stagun lampuki | € 82.60 | 43 |
| 2118 | 1693 | 10/08/2015 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal Van u Landa | Van | € 31.00 | 43 |
| 2119 | 1694 | 10/08/2015 | Nicky Aquilina (Fullphat Media) | Video projection on Church Façade | Fireworks Fest 15 | € 885.00 | 43 |
| 2120 | 1695 | 12/08/2015 | JJ Ironmongery | various ironmongery items | General Use | € 84.60 | 43 |
| 2121 | 1696 | 12/08/2015 | schembri concrete blocks | 1/2 yarda ramel | Konkos Pjazza | | 43 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2122 | 1697 | 13/08/2015 | JJ Ironmongery | 2 sealer, wire brush u wire | Garage | € 31.68 | 43 |
| 2123 | 1698 | 13/08/2015 | Gem's Confectionery | hospitalities | office | € 31.78 | 43 |
| 2124 | 1699 | 13/08/2015 | JM Operations | 80 pkts x6 Fontana Water | office | € 93.64 | 43 |
| 2125 | 1700 | 17/08/2015 | 4th Wall Studios | Long throw projection and video mgmnt | Fireworks Fest 15 | € 713.90 | 43 |
| 2126 | 1701 | 17/08/2015 | Honeycomb Limited | Rental of 2 x 16K projector | Fireworks Fest 15 | € 1,146.96 | 43 |
| 2127 | 1702 | | Foresight Communications | | | | 43 |
| 2128 | 1703 | 17/08/2015 | TM Ironmongery | 2 Safety Shoes and ironmongery | General Use | € 91.90 | 43 |
| 2129 | 1704 | 17/08/2015 | Gem's Confectionery | daily groceries | office | € 18.04 | 43 |
| 2130 | 1705 | 17/08/2015 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghall-Pompi | Pompa | € 24.00 | 43 |
| 2131 | 1706 | 17/08/2015 | Mac Med Ltd | 10 ltrs Pearltex Exterior Paint | Admin Offices | € 38.80 | 43 |
| 2132 | 1707 | 18/08/2015 | TM Ironmongery | 2 Cuprinol Light Cedar u martell etc | Bankijiet | € 53.70 | 43 |
| 2133 | 1708 | 18/08/2015 | TM Ironmongery | 5 ltrs ext pnt and ironmongery | Admin Offices | € 25.00 | 43 |
| 2134 | 1709 | 18/08/2015 | PC Options | toners for HP 920xl and 1 mouse | office | € 85.25 | 43 |
| 2135 | 1710 | 18/08/2015 | V & A Services | Extra Refuse Collections | Refuse | € 500.00 | 43 |
| 2136 | 1711 | 19/08/2015 | B4 Textiles | 4 roller screens | 1st floor offices | € 490.00 | 43 |
| 2137 | 1712 | 21/08/2015 | Mac Med Ltd | 5ltr Pearltex Exterior Paint Magnolia | Admin Offices | € 20.40 | 43 |
| 2138 | 1713 | 21/08/2015 | Gem's Confectionery | hospitalities | office | € 13.88 | 43 |
| 2139 | 1714 | 24/08/2015 | C-Planit Solutions | passing of cables for network & electricity | 1st floor offices | | 43 |
| 2140 | 1715 | 24/08/2015 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal pompa | pompi | € 15.00 | 43 |
| 2141 | 1716 | 24/08/2015 | G4s Security Services Ltd | security guard | Hub | € 283.20 | 43 |
| 2142 | 1717 | 26/08/2015 | Gem's Confectionery | groceries | office | € 12.96 | 43 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2143 | 1718 | 26/08/2015 | Caruana Petrol Station | diesel | Van | € 25.00 | 43 |
| 2144 | 1719 | 27/08/2015 | Gem's Confectionery | hospitalities | office | € 36.59 | 43 |
| 2145 | 1720 | 27/08/2015 | TM Ironmongery | Ironmongery | Admin Offices | € 31.40 | 43 |

Approved on 9/9/15

Horace Gauci
Mayor

Duncan Hall
Executive Secretary